**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta’ Frar 2020**

**Rikors Numru 105/2019**

**Carol Muscat u Diane Muscat**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Carol Muscat u Diane Muscat** ipprezentat fil-25 ta’ Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

*“Illi l-esponenti ghadhom kif saru jafu illi fl-20 ta’ Awwissu 2019 giet ipprezentata ittra ufficjali liema ittra ghandha n-numru 3149/19, kopja ta’ liema qed tigi annessa bhala Dok A, fejn huma gew interpellati sabiex jizgumbraw minn arja u kamra li tigi fuq il-blokka numru 1, Triq il-Mediterran, Valletta.*
*Illi ghad illi, prima facie, jidher illi l-ittra ufficjali ma kinitx giet ikkontestata permezz ta’ rikors bhal dak odjern fit-terminu, pero’ ghandu jirrizulta illi n-notifika tal-istess ittra ufficjali ma saritx kif provdut fl-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi giet notifikata lil omm l-esponenti Diane Muscat u cioe’ Pauline Montanaro li pero’ ma tghixx fl-istess indirizz tal-esponenti u ghalhekk in-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali hija nulla. Minhabba f’dan l-esponenti ghadhom fit-terminu biex jipprezentaw ir-rikors odjern.*
*Illi l-esponenti kienu ffirmaw konvenju mal-Awtorita’ intimata fis-7 ta’ Frar 1992 sabiex jixtru u jakkwistaw fond appartament nru 16, fis-seba’ sular, sovrapost ghall-proprjeta’ tal-Gvern u formanti parti minn blokk ta’ appartamenti enumerate 1 fi Triq il-Mediterran, fl-Estate tad-Djar tal-Gvern tal-Habs il-Qadim tal-Ilsiera, Valletta. Kopja tal-konvenju qed jigi esebit bhala Dok B.*
*Illi skont l-istess konvenju l-esponenti kienu obbligaw ruhhom li jixtru flimkien mal-appartament sehem indiviz tal-partijiet komuni inkluz il-bejt. Inghataw ukoll fl-istess konvenju mill-Awtorita’ intimata d-dritt li jgawdu l-appartament u l-komunjoni tal-bejt.*

*Illi l-kuntratt finali kellu jsir wara li l-Awtorita' intimata jakkwistaw huma l-art fejn hija mibnija l-blokkk in kwistjoni. Peress illi l-Awtorita' intimata ma akkwistatx din l-art il-kuntratt bejn il-kontendenti baqa' ma sarx.*
*Illi ricentement ir-rikorrenti applikaw ghal permess biex jikkostruwixxu washroom zghira f'sehemhom mill-bejt in kwistjoni u l-permess relattiv gie approvat mill-MEPA tat-13 ta' Awwissu 2015 (Dok C)*
*Illi, sorprendentement, jidher li l-Awtorita' intimata pprocediet bl-ittra ufficjali in kwistjoni minhabba din il-washroom.*
*Illi pero' hemm lok ghal kontestazzjoni ta' ordni ta' zgumbrament in kwistjoni ghal ftit ragunijiet:*
*i) L-Awtorita' intimata m'hijiex il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni u konsegwentement ghal dan il-fond ma jista' qatt japplika il-Kapitolu 573. Kwindi a bazi ta' dan il-fatt l-ittra ufficjali ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*
*ii) L-ittra ufficjali de quo hija nulla wkoll minhabba dak li qed tintima l-istess ittra mhux zgumbrament biss pero' wkoll li tinhatt il-washroom in kwistjoni meta ordni li tinhatt struttura ma taqax taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 573.*
*iii). Li kieku kien japplika il-Kap. 573, l-esponenti ma naqsu bl-ebda mod mill-obbligi qua pussessuri tal-fond in kwistjoni. Il-kostruzzjoni tal-washroom saret bil-permessi relattivi u fuq dik il-parti tal-bejt li fuqha kien ser ikollhom id-dritt meta jsir il-kuntratt finali u fuq liema li nghataw dritt li juzaw permezz tal-konvenju li gie ffirmat.*
*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella l-ordni ta' zgumbrament mahrug permezz ta' ittra ufficjali numru 3149/19 fl-ismijiet inversi datata 20 ta' Awwissu 2019 u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** ipprezentata fil-31 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"i. Illi preliminarjament, ir-rikors promutur huwa rritu u null stante li gie pprezentat ferm wara li kien ghalaq il-<u>perjodu perentorju</u> ta' ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali de quo bin-numru 3149/2019 li kienet giet notifikata fl-4 ta' Seetembru 2019 (video "Dok HA1"). Ir-rikors odjern gie pprezentat fil-25 t'Ottubru 2019 jigifieri wara aktar minn hamsin jum min-notifika.*
*ii. Illi preliminarjament ukoll, galadarba issa gie stabbilit titolu ezekuttiv ghal kull effett tal-ligi stante n-nuqqas ta' oppozizzjoni mir-rikorrenti entro t-terminu perentorju, jinghad bir-rispett illi dan it-Tribunal lanqas biss ghandu l-kompetenza li jiehu konjizzjoni tar-rikors odjern u bil-wisq anqas li "ihassar, jirrevoka u jikkancella l-ordni ta' zgumbrament mahrug permezz tal-ittra ufficjali 3149/2019". Jekk hemm xi rimedji ohrajn permessibbli mil-ligi zgur ma humiex proceduri quddiem dan it-Tribunal;*
*iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali de quo, u cioe' dik bin-numru 3149/2019 kien fiha l-intimazzjoni illi "jekk inti ma tikkontestax din l-ittra ufficjali billi tipprezenta rikors appositu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien ghoxrin jum minn meta tircievi din l-ittra ufficjali, din l-Ordni ta' zgumbrament issir titolu ezekuttiv u l-Awtorita' tghaddi ghall-evizzjoni skont il-ligi" u allura ma hemmx lok ta' skuzi ghalfejn ir-rikors preskritt mil-ligi ma giex ipprezentat fiz-zmien utili;*
*iv. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet u fatti li a bazi taghhom jimmotivaw ir-rikors taghhom ir-rikorrenti huma lkoll ikkontestati bhala palezament infondati fil-fatt u fid-dritt;*
*v. Illi ghar-ragunijiet hawn esposti, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda in toto u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Ra illi peress li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata huma ta' natura preliminari, ordna li jigu trattatti u decizi l-istess eccezzjonijiet;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Diane Muscat** xehdet illi hija tabita fi Blokk 1, Flat 16, Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta filwaqt li ommha, Pauline Montanaro, toqghod fl-istess Blokk imma f'appartament numru 13. Tghid illi l-ittra ufficjali in kwistjoni fejn hi u zewgha gew interpellati jnehhu l-kamra tal-bejt qatt ma waslet ghandhom. Hija tispjega li ggib hafna affarijiet *online* u li ommha tmur tigborhomlha. Tispjega li hija rceviet avviz tal-Posta biex tigbor xi haga mill-Posta u hi hasbet li kienet xi ittra normali ta' xi haga li xtrat *online*. Ghalhekk tatha lil ommha biex tmur tigborha. Tispjega li hi kienet diehla ghal operazzjoni u l-ittra baqghat ghand ommha. Sussegwentement, ircevew ittra ohra biex jizgumbraw u kien hemmhekk li staqsiet lil ommha jekk kellhiex xi ittra li ma kinitx taghthielha u fil-fatt sabuha mal-karti li kellha ommha.

**Pauline Montanaro** xehdet illi bintha kienet talbitha biex tigborlha l-posta mill-ufficju postali. Fil-fatt hi hekk ghamlet pero` stqarret li nsiet tghaddilha l-istess ittra. Stqarret illi bitha marret ghall-ittra bejn wiehed u iehor xi hmistax-il gurnata wara li kienet gabithielha.

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri gew esebiti kopja tal-*pink cards* li minnhom jirrizulta illi fl-4 ta' Settembru 2019 kienet proprju Pauline Montanaro li gabret l-ittri ufficjali in kwistjoni mill-Posta, kemm dik ta' Carol Muscat u kif ukoll ta' Diane Muscat.

Illi r-rikorrenti jargumentaw illi n-notifika ta' tali atti hija wahda nulla stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ic-citat artikolu jghid is-segwenti:

***"187.(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopjatitħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem***

***jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha…."***

Ir-rikorrenti jishqu li la l-ittra ufficjali ma tqassmitx personalment lill-persuna li kellha tigi notifikata, allura din in-notifika setghet biss issir fir-residenza taghha jew fuq il-post tax-xoghol f'idejn persuna msemmija fl-istess artikolu.

Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata tishaq li dan huwa biss tigbid tal-argument u li semmai in-notifika hija valida ghaliex omm ir-rikorrenti Diane Muscat, u cioe` Pauline Montanaro, giet awtorizzata minn bintha tigbor l-istess ittra.

Illi t-Tribunal josserva illi f'dan il-kaz ghandha tapplika l-ewwel parti tal-artikolu 187 (1) u cioe` li n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li ghandha tigi notifikata f'kull post fejn dik il-persuna tista' tinstab. Huwa veru li l-Ufficju tal-Posta marret Pauline Montanaro, pero` hija kellha awtorizzazzjoni minghand ir-rikorrenti Muscat biex taghmel dan u dan billi l-istess rikorrenti taw l-avviz li rcevew biex jirtiraw il-posta lill-istess Montanaro. It-Tribunal ha kont tal-argument imressaq mid-difensur tar-rikorrenti illi jekk semmai kien hemm xi awtorizzazzjoni da parti ta' Diane Muscat, ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni da parti ta' Carol Muscat. Apparti l-fatt li Carol Muscat ma xehedx f'dawn il-proceduri, biex l-ufficjali tal-Posta irrilaxxaw kemm il-posta indirizzata lil Diane Muscat u kif ukoll lil Carol Muscat, kien tassattiv li hija tipprezenta l-avvizi li rcevew it-tnejn li huma. Illi siccome` l-posta kienet indirizzata fl-indirizz tal-konjugi Muscat, l-avviz rispettiv biex tingabar il-posta mill-Fergha tal-Posta thalla fl-indirizz tal-konjugi Muscat. Kwindi ma setghax kien hadd iehor hliefhom li taw l-istess avvizi lil Montanaro biex tmur tigbrilhom il-posta. Pero`, iktar minn hekk, biex l-ufficjal tal-Posta irrilaxxa l-post indirizzata kemm lil Carol Muscat u kif ukoll lil Diane Muscat huwa kellu bzonn prova tal-Karta ta' l-Identita tal-persuni li isimhom kien jidher fuq l-avvizi. Illi din il-karta ta' l-identita`allura bilfors kienet inghatat miz-zewg rikorrenti lil Pauline Montanaro biex setghet tigbor l-ittri registrati. Kwindi fil-fehma tat-Tribunal kien hemm awtorizzazzjoni da parti tal-konjugi Muscat biex Pauline Montanaro tigbor l-ittri in kwisjtoni ghan-nom taghhom.

Illi dan it-Tribunal josserva illi ghalkemm Diane Muscat tghid li tircievi hafna avvizi biex tmur tigbor mill-Posta oggetti li tixtri *online*, isibha ferm difficli li nsiet tistaqsi lil ommha dwar x'gabret mill-posta meta kemm hi u kemm ir-ragel taghha, fl-istess gurnata ircevew avviz biex jigbru zewg oggetti separati. Huwa wkoll inverosimili li meta Pauline Montanaro gabret zewg envelopes mill-ufficju tal-Posta, u li skont Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.12 kellhom fuqhom ittimbrat "Att Gudizzjarju", u allura kienu zewg envelopes identici hlief

ghal isem id-destinatarju, din halliethom ghandha u nsiet taghtihom lill-konjugi Muscat. Pero`, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, Pauline Montanaro insiet tghaddi l-posta lir-rikorrenti, kien jinkombi fuqhom jiehdu interess u jaraw x'kienu rcevew.

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikorrenti gew notifikati bl-ittra ufficjali fl-4 ta' Settembru 2019 u kwindi kellhom terminu perentorju ta' ghoxrin gurnata entro liema kellhom joggezzjonaw ghal dak rikjest minnhom fl-istess ittra u kwindi t-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jagixxi kif intalab fir-rikors promutur la darba l-Awtorita` intimata ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront taghhom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**